IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2018
COM(2018) 490 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2017
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ

RAPPORT ANNWALI TAL-2017
DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ

1. DAĦLA

Dan huwa l-25 rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fit-tfassil tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport qiegħed jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE").

Ir-rapport iħares lejn il-mod kif l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea implimentaw dawn iż-żewġ prinċipji fl-2017 u kif evolviet il-prattika meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Jipprovdi wkoll analiżi tal-proposti tal-Kummissjoni li kienu notevolment l-oġġett ta' opinjonijiet motivati mill-parlamenti nazzjonali matul is-sena. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn il-mekkaniżmi ta' kontroll tas-sussidjarjetà u d-djalogu politiku bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni, dan ir-rapport għandu jitqies bħala kumplimentari għar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali għas-sena 2017.[1]

2. APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI MILL-ISTITUZZJONIJIET

2.1. Il-Kummissjoni

Fl-2017, il-Kummissjoni Juncker kompliet timplimenta l-aġenda msaħħa tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar li, bi gwida aktar b'saħħitha u opportunitajiet ġodda (inkluż portal online għar-Regolamentazzjoni Aħjar[2]) għar-reazzjonijiet tal-partijiet interessati u taċ-ċittadini, tiżgura li s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jiġu kkunsidrati fl-istadji kollha tat-tfassil ta' politika. Il-Kummissjoni mxiet ukoll fuq il-prattika tagħha ta' evalwazzjoni tal-oqfsa politiċi eżistenti, qabel ma tippreżenta reviżjonijiet leġislattivi. Dawn il-evalwazzjonijiet[3] jinkludu valutazzjonijiet dwar jekk il-miżuri politiċi eżistenti għadhomx adattati għall-iskop tagħhom u sa liema punt jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Is-sit web tal-Kummissjoni "Ħaffef il-piż – Semma' leħnek"[4] kif ukoll il-Pjattaforma dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) jipprovdu wkoll modi biex il-pubbliku u l-partijiet interessati jikkomunikaw mal-Kummissjoni dwar piżijiet eċċessivi possibbli jew ineffiċjenzi ta' miżuri regolatorji eżistenti, fosthom mistoqsijiet dwar is-sussidjarjetà jew il-proporzjonalità. Fl-2017, il-Pjattaforma dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni Regolatorja pproduċiet 46 opinjoni, inklużi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kif jistgħu jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE. Il-Kummissjoni qiegħda tirrispondi għal dawn b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2018.

F'Lulju 2017, il-Kummissjoni adottat sett rivedut ta' linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar u s-sett ta' għodod li jakkumpanjahom. Dan sar biex jiġi żgurat li l-linji gwida u s-sett ta' għodod ġew aġġornati fid-dawl ta' esperjenza prattika sa minn meta ġie adottat il-pakkett ta' Regolamentazzjoni Aħjar f'Mejju 2015. Il-Kummissjoni espandiet ukoll il-portal tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar biex b'hekk tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini biex jużawh online

[1] COM(2018) 491 final.
[2] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt
[3] L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni jivvalutaw b'mod sistematiku ħames kriterji: l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE.
[4] http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/simplification/consultation/contributions_mt.htm

It-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Anqas b'Mod Aktar Effiċjenti"

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-President Juncker ħabbar fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni li se jwaqqaf Task Force ta' livell għoli għas-Sussidjarjetà, għall-Proporzjonalità u "Isir Anqas b'Mod Aktar Effiċjenti" li l-għanijiet tagħha kienu deskritti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018: "*Billi nkomplu niżviluppaw fuq il-ħidma li diġà għamlet din il-Kummissjoni, għandna nkomplu naħdmu bil-qawwi fuq il-ħwejjeġ il-kbar. Dan ma jfissirx li nirregolaw kull aspett tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Irridu nirriflettu b'mod serju fuq li jsir inqas b'mod iktar effiċjenti u nagħtu lura kompetenzi lill-Istati Membri fejn jagħmel sens li jsir dan. Filwaqt li nibnu fuq il-ħidma tat-Task Force mmexxija mill-Ewwel Viċi President Timmermans (...), il-Kummissjoni sejra tippreżenta l-ideat tagħha dwar it-tisħiħ ulterjuri tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u ta' regolamentazzjoni aħjar biex inkunu żguri li qed naġixxu biss meta l-UE żżid il-valur.*" Il-President Juncker stabbilixxa t-Task Force fl-14 ta' Novembru b'effett mill-1 ta' Jannar 2018[5]. It-Task Force ippreżentat ir-rapport tagħha lill-President fl-10 ta' Lulju 2018[6]. Il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC) u tal-Kumitat tar-Reġjuni ġew mistiedna biex jaħtru Membri mill-istituzzjonijiet tagħhom għal fuq it-Task Force li mbagħad jipparteċipaw f'kapaċità personali. Il-Parlamenti Nazzjonali (COSAC) u l-Kumitat tar-Reġjuni sussegwentement ippreżentaw il-membri tagħhom għat-Task Force, filwaqt li l-Parlament Ewropew għażel li ma jagħmilx hekk.

L-analiżi tas-sussidjarjetà u l-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-linji gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar u s-"sett ta' għodod"[7] li jakkumpanjahom jeħtieġu lill-Kummissjoni twettaq analiżi tas-sussidjarjetà meta tkun qed tqis inizjattiva ġdida f'oqsma li fihom l-Unjoni ma għandhiex kompetenza esklużiva, u meta tivvaluta r-rilevanza u l-valur miżjud Ewropew ta' intervent eżistenti. Il-Kummissjoni tindirizza s-sussidjarjetà kemm għal inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. L-objettiv tal-analiżi għandu żewġ għanijiet: l-ewwel nett, biex jiġi vvalutat jekk azzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali hijiex biżżejjed sabiex jintlaħaq l-objettiv segwit; it-tieni, biex jiġi vvalutat jekk l-azzjoni tal-Unjoni tipprovdix valur miżjud meta mqabbla ma' azzjoni meħuda mill-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati.[8] Ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità jfisser li jiġi żgurat li l-approċċ u l-livell ta' intervent regolatorju ta' politika jkunu jaqblu mal-objettiv tagħha. Fil-valutazzjonijiet tal-impatt[9], fil-valutazzjonijiet u fil-kontrolli tal-idoneità[10] jenħtieġ li jkun hemm referenza ċara għall-proporzjonalità.

Valutazzjonijiet tal-impatt

Fl-2017, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[11], li jevalwa l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt[12], eżamina 53 valutazzjoni tal-impatt. Tnax-il każ minn dawn ġew iġġudikati bħala li jeħtieġu titjib

[5] https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt

[6] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-doing-less-more-efficiently_1.pdf

[7] http://ec.europa.eu/info/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

[8] L-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

[9] Fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt, il-proporzjonalità hija kriterju ewlieni li għandu jiġi kkunsidrat fil-paragun bejn l-għażliet ta' politika.

[10] Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar għall-analiżijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ara r-Rapport Annwali 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-punt 2.1.

[11] Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jikkonsisti minn President (livell ta' Direttur Ġenerali) u sitt membri full-time, li tlieta minnhom ġew reklutati minn barra l-Kummissjoni. Il-membri kollha tal-bord huma indipendenti u

fl-analiżi tagħhom ta' sussidjarjetà u l-valur miżjud tal-UE. Tletin opinjoni kien fihom kummenti dwar il-proporzjonalità u l-paragun tal-alternattivi. L-eżempji li ġejjin juru kif il-Bord ivvaluta s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fl-2017:

- Fl-opinjoni negattiva tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-impatt[13] dwar il-proposta għal kooperazzjoni fl-UE filValutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju saħaq li waħda mill-alternattivi politiċi — kooperazzjoni permanenti fil-livell tal-UE dwar valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa sħaħ — qajmet kwistjonijiet sinifikanti f'termini ta' fattibilità, sussidjarjetà u proporzjonalità. Ir-rapport ġie rivedut u qies dan il-kumment billi warrab mill-ewwel din l-alternattiva.
- Fl-opinjoni pożittiva b'riżervi tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-impatt[14] għal inizjattiva li temenda direttiva dwar it-trasport ikkombinat, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ddikjara li l-argument tas-sussidjarjetà ma kienx żviluppat biżżejjed, speċjalment għall-inklużjoni ta' trasport strettament domestiku. Talab għal aktar evidenza li inizjattivi nazzjonali ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw il-problema u li l-iskala tal-operazzjonijiet tkun teħtieġ intervent fil-livell tal-UE. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt rivedut kien fih argumenti addizzjonali biex juru d-dimensjoni transfruntiera tal-problema, inkluża ġustifikazzjoni għall-estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ għal operazzjonijiet domestiċi.
- Fl-opinjoni negattiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt[15] tal-proposta għal qafas għal fluss liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropea, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju sab li r-rapport ma jargumentax għal azzjoni tal-UE u ma vvalutax b'mod xieraq il-proporzjonalità tal-alternattivi. Ir-rapport rivedut irċieva t-tieni opinjoni negattiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju. Il-Bord sab li r-rapport b'mod partikolari naqas milli jargumenta għal dritt ġdid għall-portabbiltà tas-servizzi tal-cloud. L-inizjattiva ġiet adottata mill-Kulleġġ mingħajr id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu portabbiltà tas-servizzi tal-cloud obbligatorja, iżda minflok bi previżjoni ta' miżuri awtoregolatorji.

Kif muri minn dawn l-eżempji, fl-2017 il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju għen sabiex titjieb l-analiżi ta' kif il-proposti jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u b'hekk ipprovda informazzjoni kritika għall-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet politiċi tal-Kummissjoni.

Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kienu wkoll essenzjali għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli ta' idoneità retrospettivi, li jivvalutaw jekk l-azzjonijiet Ewropej hux qed jagħtu r-riżultati mistennija f'termini ta' effiċjenza, effettività, koerenza, rilevanza u jekk għadx hemm valur miżjud Ewropew. Fl-2017, il-Kummissjoni ppubblikat 72 valutazzjoni u kontrolli tal-idoneità (evalwazzjonijiet ta' oqsma ta' politika usa'). Ġew ippubblikati tliet kontrolli tal-idoneità: wieħed dwar l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-UE (EMAS) u l-Ekotikketta tal-UE, ieħor dwar il-politika tal-konsumatur u ieħor dwar l-obbligi tar-rappurtar fil-qasam tal-ambjent[16].

---

jaħdmu f'kapaċità personali abbażi tal-għarfien espert individwali tagħhom. Il-bord jeżamina l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt, il-kontrolli tal-idoneità u evalwazzjonijiet ewlenin. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma parti minn dan il-kontroll tal-kwalità.

12 Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma meħtieġa kull darba li inizjattiva politika tkun mistennija li jkollha impatti ekonomiċi, soċjali jew ambjentali sinifikanti. Dawn jinkludu valutazzjoni tal-problema, l-għażliet politiċi possibbli, l-impatti probabbli tagħhom u kif dawn jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

13 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/com-2018-51_en

14 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/com-2017-648_en

15 https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/proposal-regulation-european-parliament-and-council-framework-free-flow-non-personal-data

16 Il-pjattaforma REFIT: https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly/refit-platform_mt

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju eżamina 17-il evalwazzjoni u kontroll tal-idoneità ewlenin fl-2017. Minn dawn, il-Bord għamel rakkomandazzjonijiet għal titjib fil-kategorija ta' "rilevanza u valur miżjud tal-UE" f'seba' każijiet, inkluż fil-programm LIFE[17] (il-programm ta' azzjoni tal-UE dwar l-ambjent u l-klima) u l-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel[18]. Għaldaqstant għen sabiex titjieb l-analiżi ta' kif l-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità qiesu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

---

17 https://ec.europa.eu/info/publications/mid-term-evaluation-life-programme_en

18 https://ec.europa.eu/food/safety/general_food_law/fitness_check_en

2.2. Segwitu għal opinjonijiet motivati mill-parlamenti nazzjonali

Fl-2017, il-Kummissjoni rċeviet 52 **opinjoni motivata**[19] mill-parlamenti nazzjonali dwar il-prinċipju tas-sussidjarjetà[20]. Dan kien 20 % inqas mill-65 opinjoni motivata fl-2016, li jikkorrispondi għal għadd globali inqas ta' opinjonijiet irċevuti fl-2017[21]. Il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati meta mqabbel mal-għadd globali ta' opinjonijiet irċevuti fl-2017 naqas ukoll minn 10,5 % fl-2016 għal 9 % fl-2017.

Fost it-52 opinjoni motivata li waslu fl-2017, 24 opinjoni kienu ffukati fuq erba' proposti tal-Kummissjoni. Il-proposta li qajmet l-iktar opinjonijiet motivati kienet il-proposta dwar is-suq intern tal-elettriku[22], li qajmet 11-il opinjoni motivata. Żewġ proposti leġiżlattivi fl-hekk imsejjaħ "pakkett ta' servizzi"[23] rċevew total ta' disa' opinjonijiet motivati u l-proposta dwar bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw irċeviet erba' opinjonijiet motivati[24]. Proposti oħra rċevew bejn opinjoni motivata waħda u tlieta. Il-każijiet li dwarhom il-Kummissjoni rċeviet l-ogħla għadd ta' opinjonijiet motivati huma deskritti f'aktar dettall fil-Kapitolu 3.

Iż-żieda fl-għadd totali ta' opinjonijiet motivati maħruġa fl-2017 ikkoinċidiet ma' nuqqas simili fl-għadd ta' opinjonijiet motivati maħruġa minn kull kamra. Fl-2017, 19 kamra biss minn 41 ħarġu opinjonijiet motivati (meta mqabbel ma' 26 fl-2016). L-opinjonijiet motivati nħarġu mill-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka(1), il-*Cortes Generales* ta' Spanja (2), mid-*Dáil u s-Seanad Éireann* tal-Irlanda (3)[25], mill-*Bundestag* tal-Ġermanja (6), mill-*Bundesrat* tal-Ġermanja (3), mis-*Sénat* ta' Franza (7), mill-*Assemblée nationale* ta' Franza (2), mis-*Senato della Repubblica* tal-Italja (1), mill-*Országgyűlés* tal-Ungerija (2), mill-*Eerste Kamer* tan-Netherlands (2), mit-*Tweede Kamer* tan-Netherlands (2), mill-*Bundesrat* tal-Awstrija (6), mis-*Senat* tal-Polonja (4), mis-*Sejm* tal-Polonja (2), mill-*Camera Deputaților* tar-Rumanija (1), mis-*Senatul* tar-Rumanija (2), mir-*Riksdag* tal-Iżvezja (4) u mill-*House of Commons* tar-Renju Unit (2).

2.3. Il-Parlament Ewropew

Fl-2017, il-Parlament Ewropew irċieva formalment 421 sottomissjoni mill-parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità[26]. Disgħa u erbgħin minn dawn kienu opinjonijiet motivati filwaqt li t-372 l-oħra kienu kontribuzzjonijiet (jiġifieri sottomissjonijiet li ma jqajmux kwistjonijiet relatati mal-prinċipju tas-sussidjarjetà). B'paragun, 76 opinjoni motivata u 333 kontribuzzjoni ġew trażmessi uffiċjalment lill-Parlament Ewropew fl-2016. Il-proporzjon ta' opinjonijiet motivati mal-kontribuzzjonijiet għadu żgħir, li jindika li l-parlamenti nazzjonali jaraw tal-mekkaniżmu ta'

---

19 Dan l-ammont jirreferi għall-għadd totali ta' opinjonijiet li waslu mill-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati. Għalhekk opinjonijiet motivati li jittrattaw b'mod konġunt aktar minn dokument wieħed tal-Kummissjoni jgħoddu biss bħala opinjoni motivata waħda. Ara l-Anness ta' dan ir-rapport għal aktar dettalji.

20 Ara l-Anness ta' dan ir-rapport.

21 Fl-2017 il-Kummissjoni rċeviet 576 opinjoni meta mqabbla ma' 613 opinjoni li waslu fl-2016.

22 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) - {COM(2016) 861 final}.

23 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi il-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern {COM(2016)821} u proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test ta' proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolazzjoni ġdida ta' professjonijiet {COM(2016)822 final}.

24 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE {COM(2017) 253 final}.

25 Id-*Dáil* u s-*Seanad Éireann* ippreżentaw opinjoni motivata waħda konġunta u adottaw opinjoni motivata waħda kull wieħed.

26 Għall-proċedura ta' kif il-Parlament Ewropew jittratta l-opinjonijiet motivati tal-parlamenti nazzjonali, ara r-rapport Annwali 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità, il-punt 2.3.

kontroll tas-sussidjarjetà bħala mezz kostruttiv addizzjonali li bih jesprimu l-fehmiet u t-tħassib tagħhom. Is-sottomissjonijiet kollha mill-parlamenti nazzjonali huma disponibbli f'CONNECT, il-bażi ta' *data* tal-Parlament Ewropew ta' dokumenti tal-parlamenti nazzjonali[27].

Skont l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu r-responsabbiltà orizzontali għar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull sitt xhur, membru tal-kumitat jinħatar bħala relatur permanenti għas-sussidjarjetà abbażi ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi. Is-Sa Mady Delvaux (grupp S&D/il-Lussemburgu) kienet ir-relatur permanenti matul l-ewwel nofs tal-2017, segwita mis-Sa Laura Ferrara (grupp EFDD/l-Italja) għat-tieni nofs tas-sena. Ir-rekatur isegwi l-opinjonijiet motivati li jkunu waslu u għandu l-opportunità li jqajjem kwistjonijiet li jkunu tqajmu fl-opinjonijiet motivati għal dibattitu fil-kumitat u għal rakkomandazzjonijiet possibbli lill-kumitat responsabbli mis-suġġett tal-proposta inkwistjoni.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali regolament ifassal ukoll rapport dwar ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Is-Sa Mady Delvaux inħatret relatur għar-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament dwar ir-Rapporti Annwali 2015 u 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità. Il-Parlament adotta r-riżoluzzjoni dwar ir-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament rigward ir-Rapporti Annwali 2015 u 2016 dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità fis-sessjoni plenarja tiegħu fit-18 ta' April 2018[28]. Il-kumitat jikkontribwixxi wkoll għar-rapporti biennali maħruġa mill-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC) dwar kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa responsabbli biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità, li jqis waqt it-twettiq tal-kompitu tiegħu tal-verifika tal-bażi ġuridika tal-proposti u fl-eżerċizzju tar-responsabbiltà tiegħu għal tfassil aħjar tal-liġijiet.

Barra minn hekk, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew kompla jassisti lill-Parlament Ewropew biex iqis il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tiegħu:

- billi analizza fil-fond u b'mod sistematiku l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u ġibed l-attenzjoni għal xi tħassib espress f'dan ir-rigward, b'mod partikolari mill-parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni;
- billi żgura li dawn il-prinċipji jiġu rispettati b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Parlament Ewropew stess, pereżempju fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostantivi proprji jew analizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament għal leġiżlazzjoni ġdida, abbażi tal-Artikolu 225 tat-TFUE, u l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE; kif ukoll
- billi analizza fil-fond l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità waqt l-abbozzar tal-valutazzjonijiet tal-impatt, b'enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE pjuttost milli fuq in-nefqa jew fuq l-azzjonijiet nazzjonali.

Fl-2017, il-Parlament Ewropew ipproduċa 42 Evalwazzjoni Inizjali tal-Valutazzjonijiet ta' Impatt tal-Kummissjoni, żewġ Valutazzjonijiet tal-Impatt ta' emendi parlamentari sostantivi, 11-il Valutazzjoni tal-Impatt Ewropea *ex post* u ħames dokumenti ta' Implimentazzjoni f'azzjoni relatati ma' dan. Barra minn hekk, tlestew tliet rapporti dwar il-kost tan-non-Ewropa u żewġ Valutazzjonijiet tal-Valur Miżjud Ewropew. Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, li jiskrutinja wkoll l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE kull meta l-Kummissjoni tħabbar fil-programm ta' ħidma annwali tagħha li din il-leġiżlazzjoni se tiġi emendata. Fl-2017, ġew prodotti madwar 26 "Evalwazzjoni tal-Implimentazzjoni" bħal dawn.

---

27 http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/connect/welcome.html

28 http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2018-0120+0+DOC+XML+V0//MT

2.4. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattati, il-Kunsill irid jgħaddi lill-parlamenti nazzjonali l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi kollha li joriġinaw minn grupp ta' Stati Membri, mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Bħala korollarju għall-obbligu ta' hawn fuq, skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2, il-Kunsill irid jgħaddi kull opinjoni ta' Parlament nazzjonali dwar proposta leġiżlattiva li toriġina minn grupp ta' Stati Membri lill-Istati Membri proponenti. Bl-istess mod, il-Kunsill jgħaddi l-opinjonijiet tal-parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-istituzzjoni kkonċernata.

Fis-27 ta' Lulju 2017, il-Kunsill bagħat lill-parlamenti nazzjonali ir-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew[29].

Minbarra r-rekwiżiti tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm ukoll lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet tal-parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. Fl-2017, is-Segretarjat tal-Kunsill qassam lid-delegazzjonijiet 38 opinjoni motivata li kienu waslu fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 u 220 opinjoni maħruġa fil-qafas tad-djalogu politiku[30].

2.5. Il-Kumitat tar-Reġjuni[31]

Is-sena 2017 kienet immarkata minn dibattitu wiesa' dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li fih il-Kumitat tar-Reġjuni enfasizza l-importanza ta' applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Fil-qafas tal-ħames Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà tiegħu, il-Kumitat immonitorja tliet inizjattivi magħżula mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 b'attenzjoni partikolari. Barra minn hekk, il-Kumitat ivvaluta l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-proposti leġiżlattivi kollha li fuqhom ikun ħareġ opinjonijiet.

Fl-2017, il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ 15-il opinjoni dwar proposti leġiżlattivi. Fil-maġġoranza tagħhom, il-Kumitat sab li kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. F'żewġ opinjonijiet, il-Kumitat qajjem tħassib li kien rilevanti f'termini ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

L-opinjoni dwar il-"pakkett dwar is-servizzi" indikat "interferenza potenzjali fi proċeduri leġislattivi nazzjonali" u enfasizzat li "l-proposti għall-e-card tas-servizzi, il-proċedura ta' notifika u t-test tal-proporzjonalità se jimponu piżijiet amministrattivi addizzjonali". L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa enfasizzat li jenħtieġ li d-dimensjonijiet lokali u reġjonali tal-politiki soċjali jiġu kkunsidrati kif jixraq.

Bħala parti mill-Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà, il-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà ġie kkonsultat dwar tliet inizjattivi. Fir-rigward tal-proposta għal Regolament dwar ir-Regoli Finanzjarji applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, l-esperti qiesu li l-proposti l-ġodda dwar strumenti finanzjarji u l-kundizzjonijiet għandhom impatt sostanzjali fuq il-benefiċjarji tagħhom u l-kontenut u l-proċedura ta' implimentazzjoni tal-politika fuq il-post.

[29] 2017/0810 COD - CM 3730/17

[30] Hemm diskrepanza fl-għadd ta' opinjonijiet motivati rreġistrati mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, minħabba li mhux l-istituzzjonijiet kollha rċevew l-opinjonijiet motivati kollha jew l-istituzzjonijiet jgħoddu l-għadd ta' opinjonijiet motivati li jirċievu b'mod differenti. Ugwalment, is-Segretarjat tal-Kunsill ma jirċevix b'mod sistematiku l-opinjonijiet kollha mill-parlamenti nazzjonali.

[31] Deskrizzjoni aktar dettaljata tal-attivitajiet relatati mas-sussidjarjetà hija pprovduta fir-Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà tal-2017 maħruġ mill-Kumitat tar-Reġjuni, disponibbli wara l-adozzjoni mill-Uffiċċju tal-Kumitat tar-Reġjuni fuq http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Pages/default.aspx.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' ġestjoni f'livell nazzjonali u reġjonali kienu mħassba sostanzjalment mill-proposti. L-opinjoni indikat li "ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt u li l-ġustifikazzjoni f'termini ta' proporzjonalità mhix sostanzjata mid-*data* ppreżentata". Barra minn hekk, fl-opinjoni "[il-Kumitat] jiddubita mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li l-proposta leġislattiva taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni peress li l-proposti dwar l-atti leġislattivi settorjali imorru lil hinn mill-allinjament tat-test mar-regoli finanzjarji l-ġodda applikabbli għall-Unjoni".

It-tieni konsultazzjoni tikkonċerna il-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha". Fir-rigward tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, dawk li wieġbu enfasizzaw li, b'mod partikolari għall-pajjiżi federali b'ħafna partijiet ikkonċernati involuti fl-implimentazzjoni, l-iskedi ta' żmien proposti huma qosra wisq u mhumiex kompatibbli mal-proċess ta' koordinazzjoni użati fl-Istati federali. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ma qajmitx tħassib dwar is-sussidjarjetà iżda dwar il-proporzjonalità, "peress li s-sistema ta' governanza ssuġġerita hija kkunsidrata wisq kumplessa, wisq dettaljata u li timponi intervalli ta' rapportar wisq stretti. Il-Kumitat tar-Reġjuni kien jippreferi jara li s-sistema ta' governanza tiġi introdotta permezz ta' direttiva, minflok permezz ta' regolament, fejn dan ikun jippermetti l-involviment xieraq tal-awtoritajiet reġjonali fil-pajjiżi federali".

Fir-rigward tal-proposti dwar l-effiċjenza u l-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini, il-Kumitat, fl-opinjoni tiegħu, kien jikkondividi l-punti li tressqu minn dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni u jindika li l-bażi ġuridika inkwistjoni, l-Artikolu 194 tat-TFUE, ma tkoprix miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku li "għandhom ikunu bbażati fuq l-Artikolu 151 tat-TFUE". Il-Kumitat kien "kontra li jiġi introdott indikatur tal-intelliġenza permezz ta' att delegat". L-opinjoni attestat il-konformità taż-żewġ proposti mal-prinċipju tal-proporzjonalità. L-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Enerġija Rinnovabbli u s-suq intern tal-elettriku attestat il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u indikat il-ħtieġa li l-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità "tiġi analizzata aktar bir-reqqa".

Fl-aħħar nett, il-Grupp Espert ta' Sussidjarjetà ġie kkonsultat dwar il-proposta dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw. Xi pożizzjonijiet ġew riċevuti wkoll dwar il-pjattaform REGPEX – is-sottonetwerk tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà miftuħ għall-parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni li għandhom setgħat leġislattivi – li indikaw li l-miżuri proposti mhumiex meħtieġa u li l-miżuri nazzjonali eżistenti u l-arranġamenti fis-seħħ huma biżżejjed. L-opinjoni dwar din il-proposta xehdet għall-konformità bejn il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Madankollu, l-opinjoni enfasizzat li "l-azzjoni tal-Unjoni għandha tħalli lok kemm jista' jkun għal deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u individwali peress li hija prattika stabbilita għal dan il-qasam li jiġi regolat mill-imsieħba soċjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali".

L-użu tar-REGPEX — sistema ta' twissija bikrija għall-awtoritajiet reġjonali b'setgħat leġiżlattivi, u sors ta' informazzjoni u skambju bejn parlamenti u gvernijiet reġjonali fit-tħejjija tal-analiżi tagħhom tas-sussidjarjetà — żdied fl-2017. Fil-pjattaforma ttellgħu total ta' 66 kontribuzzjoni ppreżentati mis-sħab tar-REGPEX. Il-Kunsill Federali Awstrijak, il-Gvern tal-Istat tal-Awstrija t'Isfel, l-Assemblea leġiżlattiva Reġjonali tal-Emilia Romagna u l-Parlament tal-Istat ta' Thuringia kienu fost l-aktar sħab attivi.

Skont il-Protokoll Nru 2 għat-Trattati, il-parlamenti reġjonali jikkontribwixxu għall-iskrutinju tas-sussidjarjetà mwettaq mill-parlamenti nazzjonali. Qabel tinħareġ opinjoni motivata dwar abbozz ta' att leġiżlattiv, huwa f'idejn kull parlament nazzjonali li jikkonsulta, fejn xieraq, il-parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġislattivi[32].

[32] Iktar informazzjoni dwar ir-rwol tal-parlamenti reġjonali fil-kontroll tas-sussidjarjetà u l-kontribut tagħhom fit-tfassil tal-liġijiet tal-Unjoni hija ppreżentata fir-Rapport Annwali dwar ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali, taqsima 3.

Attività ewlenija/importanti fil-qasam tas-sussidjarjetà kienet it-Tmien Konferenza Interistituzzjonali dwar is-Sussidjarjetà, koorganizzata mill-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kunsill Federali Awstrijaku li saret fi Vjenna fl-4 ta' Diċembru 2017, flimkien ma' 200 parteċipant minn istituzzjonijiet differenti nazzjonali u tal-UE u jirrappreżentaw il-livelli kollha ta' governanza[33]. Bħala parti mill-konklużjonijiet ewlenin ġie indikat li t-tifsira tal-prinċipji tas-sussidjarjetà ma kinitx dejjem qed tiġi kkomunikata b'mod ċar liċ-ċittadini u li l-aċċettazzjoni usa' ta' politiki ma tistax tinkiseb mingħajr l-applikazzjoni korretta tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

2.6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2017 tat sentenzi sinifikanti dwar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li fihom il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawk il-prinċipji kienu ġew irrispettati mil-leġiżlatura tal-Unjoni.

Fil-kawża *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* tat-3 ta' April 2017[34] dwar il-legalità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2098 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali[35], il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma kienx muri li l-Kummissjoni kienet indaħlet fil-qasam tal-kompetenza tagħha li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat "*id-diviżjoni tar-rwoli bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ġermaniżi wasslet sabiex dawn tal-aħħar ikunu fdati l-iżvilupp ta' regoli nazzjonali rilevanti li jirregolaw l-eliġibbiltà tan-nefqa [...] il-Kummissjoni hija obbligata li tivverifika jekk l-awtoritajiet Ġermaniżi humiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'dan il-qasam, madankollu mingħajr ma dan jagħti lill-Kummissjoni ebda setgħa li tippermettilha timponi regoli speċifiċi fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-proċedura ta' konsolidazzjoni tal-art u ta' tiġdid tal-irħula*"[36].

Il-Kawża *Sotiropoulou et vs Il-Kunsill* tat-3 ta' Mejju 2017[37] kienet tikkonċerna applikazzjoni għal kumpens skont l-Artikolu 268 TFUE fir-rigward ta' telf u danni li r-rikorrenti sofrew bħala riżultat ta' tnaqqis drastiku tal-pensjonijiet prinċipali tagħhom fil-Greċja. Id-deċiżjonijiet ikkontestati[38] jikkonċernaw fost oħrajn l-istipulazzjoni ta' miżuri, politiki u interventi dettaljati fis-sistema tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-deċiżjonijiet indirizzati lil Stat Membru bil-għan li tiġi rrimedjata sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv ma jiksrux il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u lanqas il-prinċipju tal-għoti ta' kompetenzi. Dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati biex tissaħħaħ is-sorveljanza baġitarja u wissew lill-Istati Membri jieħdu passi biex isir it-tnaqqis fid-defiċit meqjus bħala neċessarju biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv.[39]

---

[33] Għal aktar informazzjoni dwar l-eżitu tal-Konferenza: http://cor.europa.eu/en/news/Pages/Subsidiarity-conference-in-Vienna-EU-decisions-must-be-taken-closer-to-citizens.aspx.

[34] Sentenza tat-3 ta' April 2017, T-28/16, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, EU:T:2017:242.

[35] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2098 tat-13 ta' Novembru 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

[36] *Ibid*, il-paragrafu 110.

[37] Sentenza tat-3 ta' Mejju 2017, T-531/14 Leïmonia Sotiropoulou u Oħrajn vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, EU:T:2017:297

[38] Id-Deċiżjoni 2010/320/UE tat-8 ta' Ġunju 2010, id-Deċiżjoni 2010/486/UE tas-7 ta' Settembru 2010, id-Deċiżjoni 2011/57/UE tal-20 ta' Diċembru 2010, id-Deċiżjoni 2011/257/UE tas-7 ta' Marzu 2011, id-Deċiżjoni 2011/734/UE tat-12 ta' Lulju 2011, id-Deċiżjoni 2011/791/UE tat-8 ta' Novembru 2011, id-Deċiżjoni 2012/211/UE tat-13 ta' Marzu 2012 u id-Deċiżjoni 2013/6/UE tal-4 ta' Diċembru 2012.

[39] Sentenza tat-3 ta' Mejju 2017, T-531/14 Leïmonia Sotiropoulou u Oħrajn vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, EU:T:2017:297, paragrafu 73 (bil-Grieg u bil-Franċiż).

Il-kawża *Landeskreditbank Baden-Württemberg — Förderbank vs Il-Bank Ċentrali Ewropew* tas-16 ta' Mejju 2017[40] tikkonċerna rikors għal annullament, skont l-Artikolu 263 TFUE, imressaq minn bank Ġermaniż tal-investiment u tal-iżvilupp, kontra deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li kklassifika l-bank Ġermaniż bħal "entità sinifikanti". B'konsegwenza, l-applikant kien soġġett għas-superviżjoni diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qafas tal-mekkaniżmu superviżorju uniku. L-applikant sostna li, minħabba l-profil ta' riskju baxx tiegħu, seta' kien sorveljat tajjeb mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika biss fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE[41]. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 (ir-Regolament Bażiku), il-Bank Ċentrali Ewropew kellu kompetenza esklużiva[42], li wasslet għall-konklużjoni li l-prinċipju ta' sussidjarjetà kien irrilevanti[43].

Fl-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll li l-prinċipju ta' proporzjonalità ma nkisirx peress li l-atti adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew kienu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-leġiżlazzjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew iddeċieda li jeżerċita s-superviżjoni diretta tiegħu skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, li ma jeħtiġux dimostrazzjoni każ b'każ li l-objettivi tiegħu jistgħu faċilment jintlaħqu wkoll permezz ta' superviżjoni diretta mill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-kawża *Ir-Repubblika Slovakka u l-Ungerija* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* tas-6 ta' Settembru 2017[44] tirrigwarda l-proporzjonalità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rilokazzjoni rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu fil-Greċja u fl-Italja b'mod irregolari f'Lulju u f'Awwissu 2015.

Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-miżuri kkontestati, adottati fil-qasam tal-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil, essenzjalment jinvolvu għażliet politiċi u valutazzjonijiet kumplessi li, barra minn hekk, ikollhom isiru fi żmien qasir sabiex jipprovdu rispons rapidu u tanġibbli għal "sitwazzjoni ta' emerġenza" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' dan, ikkonfermat li d-deċiżjoni kkontestata kienet xierqa u neċessarja biex jintlaħaq l-għan li huwa mixtieq. "*Il-Kunsill seta' ġustament iqis, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandu jingħata f'dan ir-rigward, li n-natura vinkolanti tat-tqassim tal-persuni rrikolati kienet neċessarja fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' emerġenza partikolari li fiha d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi adottata*"[45]. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' diversi mekkaniżmi ta' aġġustament previsti fid-deċiżjoni kkontestata wriet li l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni li għalih tipprovdi d-deċiżjoni kkontestata ġeneralment jippermetti lill-Istati Membri sabiex jieħdu kont, b'mod proporzjonat, tas-sitwazzjoni partikolari ta' kull Stat Membru.

3. KAŻIJIET EWLENIN FEJN TQAJJEM TĦASSIB DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

3.1. Proposti li rċevew l-ogħla għadd ta' opinjonijiet motivati fl-2017

[40] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2017, T-122/15 *Landeskreditbank Baden-Württemberg — Förderbank vs Il-Bank Ċentrali Ewropew*, EU:T:2017:337.

[41] *Ibid*, il-paragrafu 65.

[42] Sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, T-122/15 Landeskreditbank Baden-Württemberg — Förderbank vs Il-Bank Ċentrali Ewropew, EU:T:2017:337, paragrafu 54.

[43] *Ibid* il-paragrafu 65.

[44] Sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, C-643/15 u C-647/15, *Ir-Repubblika Slovakka u l-Ungerija* vs *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, EU:C:2017:631.

[45] Il-paragrafu 246.

Dan il-kapitolu jippreżenta erba' proposti leġiżlattivi individwali li rċevew aktar minn erba' opinjonijiet motivati fl-2017. Peress li jiffurmaw parti minn pakketti akbar, dawn huma deskritti b'mod aktar komprensiv fir-rapport annwali dwar ir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.

- *Proposta dwar is-suq intern tal-elettriku*

Fit-30 ta' Novembru 2016 il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", bil-mira li jagħmel is-suq tal-elettriku adatt għall-flessibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni u l-innovazzjoni billi jipprovdi għal sinjali tas-suq mingħajr distorsjonijiet, u li jikkonsisti minn tmien proposti leġislattivi, li erbgħa minnhom huma relatati mal-provvista tal-elettriku. Fir-rigward tal-proposta għal Regolament dwar is-suq intern tal-elettriku[46], il-Kummissjoni rċeviet 11-il opinjoni motivata[47] b'varjetà ta' argumenti.[48] Xi kmamar parlamentari argumentaw li l-proposta tkun taffettwa negattivament il-possibbiltà li l-Istati Membri jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Oħrajn kienu mħassbin rigward is-setgħat addizzjonali trasferiti lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, filwaqt li oħrajn kienu mħassba li l-proposta tkun taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Fl-aħħar nett, xi parlamenti kienu kritiċi tad-dispożizzjonijiet tal-proposta dwar il-konfigurazzjoni taż-żoni tal-offerti, l-istabbiliment propost ta' ċentri operazzjonali reġjonali biex jaġixxu fl-interess ta' reġjuni, u l-għoti tas-setgħa mill-proposta lill-Kummissjoni li tadotta atti ddelegati.

Fit-tweġibiet tagħha għat-tħassib dwar is-sussidjarjetà tal-parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni enfasizzat li l-proposti fil-pakkett tal-enerġija jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-prerogattivi tal-Istati Membri skont it-Trattati li jiddeċiedu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Argumentat li l-emendi proposti kienu neċessarji sabiex jinkiseb l-għan ta' suq tal-elettriku Ewropew integrat li, legalment u prattikament, ma setax jintlaħaq fil-livell nazzjonali biss b'mod daqstant effiċjenti. Saħqet ukoll li l-evidenza kienet uriet li l-approċċi nazzjonali iżolati wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, li wassal għal miżuri regolatorji mhux daqshekk ottimali u inkompatibbli, għal duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' interventi u għal dewmien biex jissewwew l-ineffiċjenzi tas-suq. Fir-rigward tal-konfigurazzjonijiet taż-żoni tal-offerti, il-Kummissjoni enfasizzat li l-liġi attwali tal-UE tipprevedi rekwiżiti sostantivi dwar iż-żoni tal-offerti. Fir-rigward taċ-ċentri operattivi reġjonali, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jitwaqqfu entitajiet reġjonali biex jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess tar-reġjun kollu sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet ineffiċjenti minħabba nuqqas ta' ftehim bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.

- *Żewġ proposti mill-Pakkett dwar is-Servizzi*

Bħala parti mill-politika tagħha dwar l-hekk imsejjaħ "Pakkett tas-Servizzi" li fih Komunikazzjoni u erba' proposti leġiżlattivi, ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2017, li kien maħsub biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni adottat (i) proposta għal Direttiva li tistabbilixxi proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u rekwiżiti relatati ma' servizzi[49], u (ii) proposta għal Direttiva dwar notifika mtejba ta' abbozzi ta' liġijiet

---

[46] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) {COM(2016)861 final}.

[47] Mill-*Bundesrat* tal-Awstrija, il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja, il-*Bundestag* tal-Ġermanja, il-*Congreso de los Diputados* ta' Spanja, is-*Sénat* ta' Franza, l-*Országgyűlés* tal-Ungerija, is-*Sejm* tal-Polonja, is-*Senat* tal-Polonja, il-*Camera Deputaţilor* tar-Rumanija u s-*Senat* tar-Rumanija.

[48] Il-Kummissjoni rċeviet ukoll tliet opinjonijiet fil-kuntest tad-djalogu politiku, jiġifieri mis-*Senat* tar-Repubblika Ċeka, mill-*Folketing* tad-Danimarka u l-*Assembleia da República* tal-Portugal.

[49] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern {COM (2016)821 final}.

nazzjonali dwar is-servizzi[50], li qanqlet total ta' disa' opinjonijiet motivati[51]. Il-proposta dwar proċedura ta' notifika għandha l-għan li tippermetti kemm lill-awtoritajiet Ewropej kif ukoll lill-Istati Membri li jqajmu tħassib potenzjali dwar inkompatibbiltajiet legali bejn il-liġi tal-UE u dik nazzjonali fi stadju bikri ta' tfassil ta' liġi nazzjonali. Il-proposta dwar il-valutazzjoni tal-proporzjonalità tar-regoli nazzjonali fuq is-servizzi professjonali għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri iwettqu test tal-proporzjonalità komprensiv u trasparenti qabel ma jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar is-servizzi professjonali.

Fir-rigward tal-proposta li tistabbilixxi proċedura ta' notifika, il-parlamenti nazzjonali esprimew tħassib li dan jagħti lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra d-dritt li jindaħlu fil-proċeduri leġislattivi nazzjonali, b'perijodi ta' waqfien li potenzjalment jikkawżaw dewmien sinifikanti, u għalhekk tikkostitwixxi ndħil sostanzjali fis-sovranità nazzjonali. Fir-rigward tal-proposta li tistabbilixxi test tal-proporzjonalità, il-Parlamenti argumentaw li l-inizjattiva tikkostitwixxi ostaklu addizzjonali u bla bżonn għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li l-azzjoni tal-UE dwar is-saħħa pubblika u t-turiżmu għandha tkun biss komplementari għal azzjoni fil-livell nazzjonali u li l-proposta se twassal għal livell ta' armonizzazzjoni li jmur kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar is-saħħa, it-trasport u t-turiżmu.

Fit-tweġibiet tagħha lill-parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni ddefendiet il-proposta tagħha li tistabbilixxi proċedura ta' notifika bħala waħda bbilanċjata u proporzjonata, li minn naħa waħda tqis l-ispeċifiċità tas-settur tas-servizzi u l-ħtieġa li tiġi introdotta għodda effikaċi għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-UE u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi rispettat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni indikat in-nuqqasijiet sinifikanti fil-proċedura eżistenti, kif enfasizzat fil-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, u l-fatt li fil-konsultazzjoni pubblika, 80 % ta' dawk li wieġbu, inklużi kważi tliet kwarti tal-awtoritajiet pubbliċi kollha li pparteċipaw fil-konsultazzjoni, qiesu li l-proċedura ta' notifika preżenti mhijiex waħda sodisfaċenti. Fir-rigward tal-proposta li tistabbilixxi test ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni fakkret li din sempliċiment tikkoordina kif l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti li jridu jiġu adottati humiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u ma tippreġudika b'ebda mod l-eżitu tal-proċess leġiżlattiv nazzjonali. Barra minn hekk, il-proposta tħalli diskrezzjoni wiesgħa għall-Istati Membri biex jintegraw it-test tal-proporzjonalità fl-istrutturi eżistenti tagħhom.

- *Proposta dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw*

Din il-proposta, adottata fis-26 ta' April 2017[52], tifforma parti minn pakkett usa' ta' miżuri mfassla biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol. Il-proposta tistipula standards minimi ġodda jew ogħla biex toħloq iktar konverġenza bejn l-Istati Membri, billi tippreserva u testendi d-drittijiet eżistenti. L-elementi ewlenin tal-proposta jinkludu t-tisħiħ tal-iskema eżistenti tal-liv tal-ġenituri billi tiffaċilita l-użu minn ħaddiema ġodda permezz ta' modifiki fir-rigward tal-ħlas, il-flessibilità u n-nontrasferibbiltà. Barra minn hekk, il-proposta timmira li tintroduċi liv għall-persuni li jindukraw u liv tal-paternità u d-dritt li jintalbu arranġamenti tax-

[50] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet {COM (2016)822 final}.

[51] Minn total ta' 14-il opinjoni motivata li tqanqlu mill-proposti kollha tal-pakkett flimkien. Erba' opinjonijiet kienu rċevuti fuq COM (2016)821 mill-*Assemblée nationale* ta' Franza, is-*Sénat* ta' Franza, il-*Bundestag* tal-Ġermanja u l-*Bundesrat* tal-Ġermanja, u ħames opinjonijiet kienu rċevut fuq COM (2016)822 mill-*Assemblée nationale* ta' Franza, is-*Sénat* ta' Franza, il-*Bundestag* tal-Ġermanja, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja u l-*Bundesrat* tal-Ġermanja.

[52] COM(2017) 253 final

xogħol flessibbli għall-ġenituri kollha li jaħdmu ta’ tfal li għandhom sa 12-il sena u għall-persuni li jindukraw bi qraba dipendenti.

Il-Kummissjoni rċeviet erba’ opinjonijiet motivati[53] b’reazzjoni għall-proposta, b’varjetà ta’ argumenti.[54] Uħud mit-tħassib relatat mal-allegat indħil tal-proposta fi kwistjonijiet ta’ kompetenza nazzjonali u li l-proposta timponi bosta regoli dettaljati, mingħajr ma tqis l-eżistenza ta’ soluzzjonijiet sistemiċi nazzjonali mmirati biex jiksbu l-istess għan; għaldaqstant, xi parlamenti argumentaw li l-valur miżjud tal-UE ma kienx muri ċarament.

Fit-tweġibiet tagħha lill-parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni spjegat li l-leġislazzjoni Ewropea attwali diġà tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, li turi qbil komuni li azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea f’dan il-qasam hija meħtieġa u f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Kummissjoni wieġbet ukoll li d-Direttiva proposta tirrispetta arranġamenti nazzjonali diġà stabbiliti fil-qasam ta’ liv relatat mal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli, peress li tistabbilixxi biss standards minimi, u b’hekk tippermetti li Stati Membri jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, azzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea kienet meħtieġa biex tiżgura li jista’ jinkiseb biżżejjed progress fl-Istati Membri kollha.

3.2. Proċedura tal-“karta safra” u eżitu tal-politika – il-każ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Fl-2017, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta għall-ewwel darba proposta leġislattiva li fiha l-hekk imsejħa proċedura tal-“karta safra” kienet ġiet skattata skont l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattati.

Din kienet il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)[55] li kienet ġiet adottata mill-Kummissjoni fis-17 ta’ Lulju 2013. L-għan tal-proposta kien li jiġi stabbilit Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u jingħata s-setgħa li jinvestiga u jmexxi l-prosekuzzjoni ta’ awturi ta’ reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikun korp tal-UE li jikkonsisti minn uffiċċju ċentrali u struttura deċentralizzata. Fl-2013, il-Kummissjoni rċeviet 13-il opinjoni motivata[56] mill-parlamenti nazzjonali dwar il-proposta, li kienu jirrappreżentaw 18-il vot minn 56 vot possibbli, jiġifieri kwart mill-voti allokati għall-parlamenti nazzjonali[57]. Fost it-tħassib espress fl-opinjonijiet motivati, il-kmamar argumentaw li l-Kummissjoni ma kinitx spjegat biżżejjed kif il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li mekkaniżmi eżistenti fis-seħħ fl-Istati Membri kienu biżżejjed u li l-ebda valur miżjud tal-miżuri ma seta’ jintwera. Il-

[53] Mill-*Eerste Kamer* tan-Netherlands, it-*Tweede Kamer* tan-Netherlands, is-*Sejm* tal-Polonja u s-*Senat* tal-Polonja.

[54] Il-Kummissjoni rċeviet ukoll sitt opinjonijiet fil-kuntest tad-djalogu politiku, jiġifieri mis-*Senat* tar-Repubblika Ċeka, mill-*Folketing* tad-Danimarka, mis-*Senato della Repubblica* tal-Italja, mill-*Assembleia da República* tal-Portugal, mill-*Camera Deputaţilor* tar-Rumanija u mill-*Cortes Generales* ta’ Spanja.

[55] COM(2013) 534 final.

[56] Mill-*Vouli ton Antiprosopon* ta’ Ċipru (2 voti), mis-*Senát* ta’ Ċekja (vot wieħed), mis-*Sénat* ta’ Franza (vot wieħed), mill-*Országgyűlés* tal-Ungerija (2 voti), mill-kmamar Irlandiżi tal-*Oireachtas* (iż-żewġ ikmamar — 2 voti), il-Kamra tad-Deputati ta' Malta (2 voti), il-*Camera Deputaţilor* tar-Rumanija (vot wieħed), id-*Državni zbor* tas-Slovenja (vot wieħed), ir-*Riksdag* tal-Iżvezja (2 voti), l-*Eerste Kamer* tan-Netherlands (vot wieħed), it-*Tweede Kamer* tan-Netherlands (vot wieħed), il-House of Commons tar-Renju Unit (vot wieħed) u l-House of Lords tar-Renju Unit (vot wieħed).

[57] Kull parlament nazzjonali għandu żewġ voti; fejn parlament nazzjonali ikun bikamerali, kull kamra jkollha vot wieħed. Kull kamra hija intitolata li toħroġ opinjonijiet motivati indipendentement. Skont l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2, kienu meħtieġa biss 14-il vot biex tiskatta proċedura tal-“karta safra” peress li l-proposta inkwistjoni ġiet adottata fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

parlamenti qajmu t-tħassib ukoll fir-rigward tal-istruttura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-Uffiċċju.

Wara li kkonfermat li l-proċedura tal-"karta safra" stipulata fil-Protokoll Nru 2 kienet ġiet skattatta, il-Kummissjoni wettqet eżami tal-proposta, u wara ħarġet Komunikazzjoni fit-27 ta' Novembru 2013[58] li tanalizza bir-reqqa l-opinjonijiet motivati riċevuti mill-perspettiva tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qieset li l-memorandum ta' spjegazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt spjegaw biżżejjed għaliex azzjoni fuq livell nazzjonali ma tilħaqx l-għan politiku u għaliex, bil-maqlub, azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tilħqu. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-proposta.

Il-Kunsill adotta Regolamentli jistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fit-12 ta' Ottubru 2017[59]. Ir-Regolament ġie adottat skont il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa[60] minn 16[61] mit-28 Stat Membru. Sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sitt Stati Membri oħra ssieħbu fil-kooperazzjoni msaħħa. Erbgħa mill-11-il Stati Membri li l-kmamar parlamentari tagħhom kienu ppreżentaw opinjonijiet motivati sa issa għadhom ma ddeċidewx li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa (l-Ungerija, l-Irlanda, l-Iżvezja u r-Renju Unit). Seba' Stati Membri, li l-kmamar parlamentari tagħhom kienu ppreżentaw opinjonijiet motivati (Ċipru, Ċekja, Franza, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovenja) ingħaqdu mal-kooperazzjoni msaħħa. Ir-Regolament kif adottata mill-Kunsill ivarja mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni fuq għadd ta' punti sostanzjali, peress li jipprova jirrifletti, parzjalment, it-tħassib ewlieni espress mill-parlamenti nazzjonali, u għaldaqstant iqishom fil-proċess leġiżlattiv: ir-Regolament issa jipprevedi, minbarra l-Kap Prosekutur Ewropew, li Prosekutur Ewropew wieħed minn kull Stat Membru parteċipanti se jkun preżenti fil-livell ċentrali, u jiffurmaw il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. B'mod simili, l-Uffiċċju ma għadx għandu kompetenza esklużiva imma kondiviża għar-reati kriminali definiti fid-Direttiva fil-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[62]. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li għadu kif ġie stabbilit, b'mod partikolari biex tevalwa jekk hux se jkun kompletament effikaċi fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kontra l-frodi.

4. KONKLUŻJONI

Bħal fi snin preċedenti, il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità tibqa' ċentrali fid-diskussjonijiet leġislattivi fl-2017. L-istituzzjonijiet kollha involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropew kienu attivi biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn il-prinċipji. Il-parlamenti nazzjonali komplew b'mod intensiv jużaw il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, jippreżentaw għadd kbir ta' Opinjonijiet Motivati, u l-parlamenti reġjonali b'setgħat leġislattivi wkoll komplew jinvolvu ruħhom fil-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà fi kwistjonijiet rilevanti għalihom. Għall-Kummissjoni, l-implimentazzjoni mkomplija tal-aġenda msaħħa tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar kienet fil-mira, kif ukoll il-

---

58 COM(2013) 851 final.

59 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1. Il-Parlament Ewropew kien ta l-kunsens tiegħu għall-kooperazzjoni msaħħa fil-5.10.2017, cf. http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2017-0384+0+DOC+XML+V0//MT.

60 Ara l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

61 Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Ġermanja, Spanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

62 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.

prattika tagħha ta' evalwazzjoni ta' oqfsa politiċi eżistenti qabel ma tippreżenta reviżjonijiet leġislattivi. Kwistjonijiet l-kontroll tas-sussidjarjetà u ta' monitoraġġ ukoll kellhom post prominenti fuq l-aġenda rispettiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Is-sena 2017 kienet ukoll is-sena li matulha l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta għall-ewwel darba proposta leġislattiva li dwarha l-hekk imsejħa l-proċedura tal-"karta safra" kienet ġiet skattata, jiġifieri l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Wara snin ta' negozjati, ir-Regolament ġie finalment adottat fi proċedura ta' koperazzjoni msaħħa, u jvarja fuq diversi aspetti mill-proposti inizjali tal-Kummissjoni iżda madankollu jistabbilixxi l-uffiċċju l-ġdid.

L-istituzzjonijiet fil-livelli kollha kienu wkoll involuti f'riflessjonijiet dwar kif tista' tiġi żgurata u mtejba l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-Parlament Ewropew iddiskuta kwistjonijiet ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità fil-qafas tar-rapporti regolari fuq inizjattiva proprja. Il-Kummissjoni tat bidu għal riflessjoni interistituzzjonali permezz tal-istabbiliment ta' Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Isir Anqas b'Mod Aktar Effiċjenti" taħt il-presidenza tal-Ewwel Viċi President, li ppreżenta r-rapport tiegħu lill-President Juncker fl-10 ta' Lulju 2018. Fir-rapport finali[63] li ġie ppreżentat lill-President Juncker fl-10 ta' Lulju 2018, it-Task Force għamlet proposti għal titjib fi ħdan l-istruttura eżistenti biex tinvolvi lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u indikat titjib li jkun jeħtieġ bidla fit-Trattati. F'Kommunikazzjoni adottata flimkien mar-rapport preżenti[64], il-Kummissjoni tistabbilixxi kif min-naħa tagħha beħsiebha ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force fil-kuntest tal-aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni stess u l-impenn kontinwu tagħha biex tibda azzjoni fil-livell Ewropew biss jekk il-valur miżjud tagħha jkun evidenti oltre l-miżuri li jittieħdu fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Ir-riżultati tal-ħidma tat-Task Force se jikkontribwixxu għal sforzi biex jiġu inkorporati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità b'mod saħansitra aktar sod fil-proċeduri ta' ħidma tal-partijiet interessati ewlenin.

63 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-doing-less-more-efficiently_1.pdf
64 COM(2018) 703.